Case Study 1:

Mark huwa tifel ta' 7 snin. Iħobb ħafna jmur il-ġnien ta' ħdejn id-dar tagħhom. Kif tidħol f'dan il-ġnien, hemm tabella li ma tistax tidħol b'roti u li ma tistax tilgħab bil-ballun. Iżda Mark ġie li jmur hemm bir-rota u ġie li jieħu l-ballun. Xi kultant, Mark jgħolli l-ballun u dan jispiċċa ġol-ħamrija. Mark jidħol fil-ħamrija u jgħaffeġ il-fjuri li jkun hemm. Meta l-ballun jeħel ġo xi siġra, Mark jitla' jixxabbat maz-zkuk u mhix l-ewwel darba li qaċċat xi fergħa. Darba oħra, Mark ġab bott spray u ħażżeż ismu mal-ħajt biż-żebgħa sewda. Meta jmur bir-rota, Mark jibqa' għaddej minn ġol-ħamrija u ġie li anke jitla' jsuq fuq xi ċint u jħammeġ kull m'hemm. Mhix l-ewwel darba li Mark laqat lil xi tfal żgħar li jkunu qed jilagħbu fil-ġnien!

Case Study 2:

Tanja u l-familja tagħha għandhom dar ħdejn il-baħar. Fis-sajf iħobbu jmorru jqattgħu l-vaganzi fiha u għalhekk, ta' spiss imorru xi ġurnata ħdejn il-baħar. Tanja tħobb tiekol il-ħobż pero' ma tħobbx tiekol il-qoxra u allura xħin ma tkunx trid iktar, tarmi l-qoxra mal-art. Missier Tanja jħobb jiftaħ xi landa tonn taż-żejt u meta jara li l-landa taż-żibel ma tkunx qrib, hu jħalli l-landa ħdejn is-siġġu tiegħu bl-iskuża li se jarmiha wara, pero' ħafna drabi jħalliha hemm. Ħu Tajna jħobb jogħdos bil-maskra u jaqla' r-rizzi minn mal-blat. Imbagħad itella' r-rizzi biex jaqsamhom u jikolhom, hu l-membri tal-familja tiegħu. Wara li jlestu, iħallu l-qxur fuq il-blat. Kemm iħallu ħmieġ warajhom! Is-sajf l-ieħor, anzjan kien miexi u qata' siequ mal-landa tat-tonn taż-żejt u mara oħra tniggżet bix-xewk tar-rizzi.